MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Numru 1002/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ramon Mercieca)**
**(Spettur Alexander Grech)**

**vs**

**Carmen Spiteri**

**Illum, 25 ta' Gunju, 2008**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Carmen Spiteri ta' 37 sena bint missier mhux maghruf u Mary Rose Spiteri, imwielda Pieta', nhar il-24.12.1966, li toqghod Nru

116, Flat 2, Strait Str., Valletta, detentura tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 13467(M).

U giet akkuzata talli flimkien ma persuni ohra nhar it-13 ta’ Novembru 2004 ghall-habta ta’ xi 12:45PM, gewwa l-Bini tal-Qorti ta’ Malta, sitwati fi Triq ir-Repubblika, l-Belt Valletta xewwxet lil haddiehor inkella sahhatilhom il-volonta’ taghhom sabiex jaghmlu delitt u cioe’ attakkaw jew ghamlu resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta’ WPC 21 Ashley Bugeja persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz publiku fil-waqt li kienet qed tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi minn Awtorita’ kompetenti;

U aktar talli fl-istess jum, data, lok u cirkostanzi ingurjat, heddet jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta’ l-Ispettura Nadia Lanzon, WPC21 Ashley Bugeja, PC 1348 Joseph Campbell u WPS 45 Marisa Bartolo persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li tbezzghhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;
U aktar talli fl-listess jum, data, lok u cirkostanzi xewwxet lil haddiehor inkella sahhatilhom il-volonta’ taghhom sabiex jaghmlu delitt u cioe’ offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ WPC 21 Ashley Bugeja ufficjal pubbliku meta r-reat gie mwettaq minhabba li dik il-persuna kienet ghamlet id-dmirijiet tal-kariga taghha u dan skond kif iccertifikaw Dr. Simone Zammit MD (Reg 2782) u Dr S. Grech (Reg No9859) mill-Isptar San Luqa;

U aktar talli fl-istess jum, data, lok u cirkostanzi hebbet ghal Ispettura Nadia Lanzon, WPS 21 Ashley Bugeja, PC 1348 Joseph Campbell u WPS Marisa Bartolo sabiex tingurjom, iddejjaqhom jew taghmillhom hsara;

U aktar talli fl-istess jum, data, lok u cirkostanzi volontarjament kissret l-paci pubblika u l-bon ordni b’ghajjat u glied;

U aktar talli fl-istess jum, data, lok u cirkostanzi ghedt fil-pubbliku kliem indecenti u oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku;

U aktar talli fl-istess jum, data, lok u cirkostanzi bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas l-gieh ta' Ispettura Nadia Lanzon, WPC21 Ashley Bugeja, PC 1348 Joseph Campbell u WPS 45 Marisa Bartolo wegghathom bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji, bi kliem mhux imfisser car kew b'canfir mhux specifikat inkella bi kliem jew ghemil li jkun biss mhux xieraq jew b'xi mod iehor;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdietx l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom jew b'xi mod iehor indahlet fid-dmirijiet taghhom;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kissret il-provvediment ta' l-Artikoli 9 tal-kap 152 tal-ligijiet ta' (Malta) li gew imposti fuqha mill-Qorti tal-Magistarati (Malta) mill- Magistrat Dr. J. Cassar LL.D datata 08/06/2002 ripettivament;

U aktar talli b' hekk saret recidiva b'sentenza li saret definittiva moghtija mill-Qorti tal-Appell datata 18/03/2004;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Ispettura Nadia Lanzon, WPC21 Ashley Bugeja, PC 1348 Joseph Campbell u WPS 45 Marisa Bartolo u tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali bin-Nota tar-Rinviju tieghu datata 2 ta' Frar, 2005, (Ara fol. 82 tal-Process) u nnutat li l-imputata m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difisa.

Dan il-kaz jirrigwarda incident li nqala fil-Bini tal-Qrati ta' Malta fil-Belt Valletta fit-13 ta' Novembru, 2004 ghall-habta ta' xi l-12.45 pm fejn, inter alia, allegatament WPC 21 Ashley Bugeja soffriet offiza ta' natura gravi mill-imputata.

Tirrileva li fil-Verbal tas-Seduta tal-20 ta' Gunju, 2005 l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Ramon Mercieca b'referenza ghall-akkuza li tirrigwarda l-ksur tal-provvedimenti tal-Art. 9 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta li gew imposti fuq l-imputata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr. J. Cassar LL.D bis-Sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Ramon Mercieca) vs Carmen Spiteri" datata 8 ta' Gunju, 2002 markata bhala Dok SPM1 u tinsab minn fol. 49 sa 51 tal-process, tirrileva li minn verifiki ulterjuri li ghamel, irrizultalu li rigward tali ksur, dan diga' gie provdut fis-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Joseph G. Galea Debono B.A., LL.D fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur A. Caruana) vs Carmela Spiteri" datata 18 ta' Marzu, 2004 markata bhala Dok SPM2 u tinsab a fol. 52 sa 54 tal-process u ghaldaqstant l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-Prosekuzzjoni ma tinsistix aktar ghal din l-akkuza u talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuza meta taghti s-Sentenza f'din il-kawza.

Hawn il-Qorti sejra ticcita is-segwenti brani mill-Isqarrija tal-imputata liema Stqarrija tinsab esebita fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok MRP2 minn fol. 22 sa fol. 24 tal-Process:

"R. Jiena u hierga mill-awla il-Pulizija mara Bugeja li kienet skorta mieghi imbuttattni u qaltli ejja ohrog b'mod arroganti. Nixtieq niccara li hija meta imbuttatni jien ma weggaghajtx izda hassejtni offiza u ghall dik l-imbuttattura jien ghidtilha "Tergax timbutta, ghax jekk terga timbuttani naqilbek wiccek 'il fuq." " "……………………………….."

“Jien kif hassejtha timbuttani t-tieni darba jien hebbejt ghaliha u cioe ghall-Pulizija mara u tajtha daqqa fuq halqa.” (Sottolinjar tal-Qorti)

Issir issa riferenza ghal brani mid-deposizzjoni ta’ WPC 21 Ashley Bugeja li fis-Seduta tal- 24 ta’ Novembru, 2004, inter alia, qalet: “Nghid illi fuq ordni tal-magistrat l-imputata kellha tigi eskortata lejn il-habs, u nghid illi kif hrigna mill-awla peress li l-imputata bidet tghaggel il-pass jien missejtha minn idejha u hekk kif missejtha din intefghet zewg passi lura u bdiet tghidli li jien kont qed insawwatha. Hija bidet twerzaq u tghajjat, inqala’ paniku shih, u nghid li f’dik is-sekonda il-fmailjari kollha ta’ Carmen Spiteri gew fuqi u jiena bdejt naqla’ minghandhom bis-sieq u bl-idejn. Nghid li lili Carmen Spiteri tatni daqqa jidhirli fuq spalti u imbuttatni lura. Imbaghad nghid illi l-ewwel ma gie fuqi kien it-tifel taghha, huwa tani daqqa ta’ sieq ufq il-pexxul tax-xellug, imbaghad gew il-bqija tal-familjari l-ohra kollha fuqi. Nghid illi sadanittant l-imputata zammha PC1348 Joseph Campbell. Nghid illi Carmen Spiteri bdeit tghid kliem ta’ natura oxxena fil-konfront tal-pulizija u anke fil-konfront tieghi u tal-pulizija li kien hemm hemmhekk. Jiena ma niftakarx illi dak il-hin lili Carmen Spiteri qaltli xi kliem ta’ theddid. Nixtieq hawnhekk nippreciza illi dak il-hin ma niftakarx jekk qaltlix xi kliem ta’ theddid jew le ghax jien dak il-hin kont qeghda mixhuta ma l-art naqla’ d-daqqiet. Nghid li waqt lijien kont qed nigi msawwta u kont qeghda ma l-art l-imputata bidet twerzaq ukien hemm hafna paniku u ghajjat. Fl-istadju li Carmen Spiteri bidet twerzaq u tghajjat li jien kont sawwatha l-familjari taghha kienu ghadhom hergin mill-awla u konsegwentement kienu vicin taghna.

Nghid illi jien bilkemm missejtha kif diga’ spjegajt ghaliex, din qabzet lura u bdiet tghajjat li jien sawwatha. Imbaghad konsegwenza ta’ dan l-incident spiccajt l-isptar. Qed nesebixxi certifikat mediku li gie rillaxxjat lili mill-Isptar San Luqa precizament minn Dr S Grech MD liema certifikat mediku qed jigi esebit bhala WAB1. Jien l-isptar domt tlett ijiem. Mid-data tat-13 ta’ Novembru jien irrpurtajt ghax-

xoghol il-bierah 23 ta’ Novembru 2004, u dan ghaliex jien kelli ugiegh f’dahri u wkoll ugiegh ta’ ras u ghandi wkoll idejja ghadha tugaghni. Nghid li dawn huma sintomi illi jien baghtejt minhabba d-daqqiet, pero’ jiena nghid li jien inzammejt l-isptar ghall-osservazzjoni ghax kien hemm suspetti li jiena kelli xi hsara interna fil-kidney. Nixtieq nghid li jiena gejt infurmata li hsara fil-kidney ma nstabitx. Nixtieq nghid li meta jiena kont ma l-art u bdejt naqla d-daqqiet nghid li nnutajt illi l-imputata Carmen Spiteri kienet diga’ mizmuma minn PC 1348 Joseph Campbell u din bdiet taqbez biex tipprova tinheles u bdiet tghid li beda jbaghbasha. Nghid li safejn naf jien Carmen Spiteri baqghet tigi mizmuma minn PC 1348 u wkoll marret fuqha l-Ispettur Nadia Lanzon. Jien ma neskludix li Carmen Spiteri ghamlet affarijiet ohra ghax jien kont qeghdha mitfugha ma l-art u kienet sitwazzjoni ta’ konfuzjoni. Qeghda tigi moqrija mill-istqarrija ta’ l-imputata u esebit bhala MRP2 li jghid “jiena kont hierga mill-awla, il-pulizija mara Bugeja li kienet skorta mieghi imbuttatni u qallti ejja ohrog b’mod arroganti.

Nixtieq niccara li jiena x’hin imbuttatni jien ma weggajtx imma hassejtni offiza u ghal dik l-imbuttatura jien ghidtilha tergax timbotta ghax jekk terga’ timbuttani naqilbek wiccek ‘l fuq. Ghal dan il-kliem li ghidt jien il-pulizija mara kien hemm it-tifla ta’ ohti cioe’ Rose Mary Camilleri u lill-pulizija mara qaltilha timbottahiex. Il-pulizija mara qaltilha jien ma imbuttajtiex u Mary Rose regghet qaltilha tghidx li ma mbuttajtiex ghax rajtek jien. Nghid li wara dan il-kliem bi sfida l-pulizija mara regghet imbuttatni. Jien kif hassejtha timbuttani ghat-tieni dabra jien hebbejt ghaliha u cioe’ ghall-pulizija mara u tajtha daqqa fuq halqha. Il-pulizija wara iggranfat lili naf li gie ragel pulizija iehor tas-CID li gie minn wara biex izommni u dahhluni fil-lift u ma nafx x’gara wara ghax ma bqajtx hemm u nizzluni l-lock up ta’ taht il-qorti”. Dwar dan il-bran mill-istqarrija ta’ l-imputata nghid illi jien mhux veru li lill-imputata ghidtilha biex tohrog b’mod arroganti. Nixtieq nghid illi bhala fatt jiena ma mbuttajtiex lill-imputata. Jiena li naf hu li dak il-hin l-

imputata giet hdejja u ghamlet idejha fejn wicci. Imma ma niftakarx jekk l-imputata lili qaltlix il-kliem tergax tyimbuttani ghax jekk terga' timbuttani neqilbek wiccek 'l fuq. Kien hemm persuna ta' sess feminili illi lili qaltli halliha bi kwieta ghax taf li hija nervuza bhalissa. Jien irrispondejt li lanqas biss missejtha. Nghid illi imbaghad din il-mara ma kellmitnix. Konsegwentement nghid illi l-frazi li tirrigwardja lil certu Rose Mary Camilleri kif jien din smajt fil-bran ta' din l-imputata jien nghid li dan mhux minnu. Jiena nichad li ergat imbuttajt. Korrezzjoni jiena nghid li jiena qatt ma mbuttajt lill-imputata konsegwentement nichad ukoll dak li qed tallega l-imputata li jien ergajt imbuttajtha. Jien nixtieq hawnhekk nippreciza li jien id-daqqa fuq halqi kont qlajtha u qlajtha minghand l-imputata u din kienet giet lura u hebbet ghalija mill-ewwel. Qed nigi mistoqsija jekk kien imbaghad kontx gejt igranfajt lill-imputata nghid li jista' jkun li ghamilt xi azzjoni ta' self defence fis-sens li zgur imbuttjatha lura. Jiena ma nahsibx li jien igranfajtha.

Li naf hu li dak il-hin gew hamsa ghalija. Nghid illi jiena ma kellix cans niddefendi lili nnifsi ghax jien mill-ewwel gew fuqi. Ghaldaqstant nghid illijien ma kontx f'posizzjoni li niddefendi ruhi ghax jien imbaghad gew hamsa fuqi. Nixtieq nghid illi l-imputata lili bdiet twerzaq u tinsulentani u bdiet tghid li jien sawwatha. Nghid illi dak il-hin ge it-tifel taghha li tani daqqa ta' sieq fuq il-pexxul tieghi tax-xellug imbaghad beda kollox u daru l-ohrajn kollha fuqi. Nixtieq inzid nghid illi jiena meta missejt b'idi lill-imputata dan ghamiltu peress li din kienet qed tghaggel fil-pass biex din tnaqqas mill-heffa. Nghid illi xoghli kien skorta ma l-istess imputata." (Sottolinjar tal-Qorti).

In kontro-ezami l-istess xhud fl-istess Seduta inter alia, qalet "Nghid illi jien bhala certezza zgur l-imputata tatni daqqa fuq spallejja. Nixtieq nghid pero' u nixtieq naghmel precizjoni li bic-certezza li tani fuq spallti nghid ukoll illi l-imputata tatni wkoll daqqa fuq wicci, niftakar sew fuq in-naha tal-lemin ta' wicci. Nikkonferma imma li dawn id-daqqiet li tatni l-imputata ma hallewli l-ebda lezjonijiet.

Nghid illi lili l-ewwel kliem li qallti l-imputata kienu tmissnix, qed timbuttani, qed issawwatni.” (Sottolinjar tal-Qorti)

Issir ukoll referenza ghall-brani mid-deposizzjoni ta’ PC 1348 Joseph Campbell li fis-Seduta tal-24 ta’ Novembru, 2004, qal: “Fit-13 ta’ Novembru 2004 gara l-kas ta’ Carmen Spiteri. Kien hemm, konna hergin mill-awla, WPC 21 Ashley Bugeja, qabditha Ashley Bugeja minn taht idejha qaltilha ha mmorru u kif ezatt qaltilha ejja ha mmorru Carmen Spiteri irritaljat u bidet tghajjat u twerzaq idejha u tgholli idejha. Dak il-hin jien mort lejn Carmen Spiteri u gbidtha ghal mal-lift akkumpanjatha mill-Ispettur Nadia Lanzon. Fid-daqqa u l-hin naraw lill-Ashley Bugeja fl-art jiena u nigbed lill-imputata qed naghrafha fl-awla Carmen Spiteri u f’daqqa u l-hin l-Ispettura marret biex tghin lil WPC mill-agressjoni li kellha n-naha l-ohra. Fl-istess hin jien kont qed nikkumbatti ma Carmen Spiteri, ghax Spiteri bdiet tghajjat u tghid hafna paroli u theddid, issa tkunu tafu, issa tpattiehilkom, fost l-ohrajn allegat certu affarijiet fuq WPS 45 Marisa Bartolo fejn qalet Marisa hija parrina ta’ xi hadd min-naha t’isfel u semmiet min hi, ghax dik kienet sabitilha borza droga kbira u ma resqitiex il-qorti. F’hin minnhom irrifjutat sahansitra li jkun hemm jien fil-prezenza taghha ghax qalltli li jiena ragel imma ma kienx hemm persuna ohra li setghet tikkontrollaha. Mistoqsi jekk Carmen Spiteri tatx xi daqqa lil WPC 21 Ashley Bugeja nirrispondi iva x’hin Ashely Bugeja misset lil Carmen u qaltilha ejja ha mmorru Carmen Spiteri irritaljat u gholliet idejha ‘l fuq fejn laqtet lill-Ashley jew tat daqqa lil Ashley jew go rasha jew f’xi parti ‘l fuq ta’ gisimha u hemmhekk intervjenejt jiena u hadt lil Carmen Spiteri u grejt biha lejn il-lift.

Mistoqsi jekk Carmen Spiteri qalitx xi hin li Ashley Bugeja kienet qed issawwatha nghid iva, Carmen Spiteri qalet li Ashley Bugeja kienet qed timbuttaha u allegat ukoll li kienet giet imsawwta d-Depot. Mistqosi jekk rajtx lil xi membri tal-familja ta’ Carmen Spiteri jagredixxu lil WPC 21 Ashley Bugeja nghid iva, l-familjari kollha rajthom jagredixxu lil WPC Ashley Bugeja. Mistoqsi l-ghala gew il-membri tal-familja ghal Ashley Bugeja jien skond il-fehma tieghi kien l-atitudni li ghamlet Carmen Spiteri meta

rreagixxiet meta ghajtet timbuttanix qalet li sahansitra kienet giet imsawwta d-Depot u bdeit timmarka li kellha xi daqqa li jien ma rajtiex. Mistoqsi jekk rajtx lil WPC 21 Ashley Bugeja tigranfa lil Carmen Spiteri nghid u nwieeb li le.
Mistoqsi rigward l-attitudni ta’ Carmen Spiteri waqt din il-bicca tax-xoghol kollha Carmen Spiteri kienet agressiva hafna, il-hin kollu tghajjat u thedded u titkellem baxx fil-konfront kemm taghna, u kemm ta’ nies li lanqas biss kienu prezenti, lilna stess jigifieri kemm lili u kemm lill-Ispettur Lanzon u kemm lill-Ashley biex theddidna li ser tpattiehilna. Mistoqsi ghal min kont qed nirreferi ghal persuna mhux prezenti nghid li kont qed nirreferi ghal WPS 45 Marisa Bartolo. Mistoqsi jekk ghar-rigward ghaddejtx informazzjoni dwar l-allegazzjoni li qalet Carmen Spiteri dwar borza mimlija bid-droga li dwarha kienet taf xi haga WPS 45 Marisa Bartolo ma haditx azzjoni ghax kienet parrina ta’ xi hadd min-naha t’isfel tal-Belt skond kif qalet Carmen Spiteri jien dawn infurmajt lis-superjuri tieghi.” (Sottolinjar tal-Qorti).

In ri-ezami l-istess xhud, fl-istess seduta, qal “Ghar-rigward ta’ din il-mistoqsija, rigward ta’ kemm il-dabra rajt lil Carmen Spiteri issawwat lil Ashley Bugeja ma nistax nghid jekk hux darba tnejn tlieta jew erbgha ghax il-moviment kien f’darba nghidlu jien. Issa jekk haditiex darbtejn, jekk haditiex darba d-daqqa ma nistax nghid, jiena naf li appena rajt dak il-pandemonju li nqala’ kollu kont pront ikkontrollajt lil Carmen Spiteri u gbidtha lejn il-lift. Ghar-rigward jekk kienx hemm kliem ta’ theddid, kliem baxx u dagha min naha ta’ Carmen Spiteri nwiegeb li iva, dan kien kontinwament.”

Issir ukoll riferenza ghal bran mid-deposizzjoni tal-Ispettur Nadia Lanzon li fis-Seduta tal-24 ta’ Novembru, 2004, inter alia, qalet: “Nixtieq nispjega li dakinhar il-qorti kien hemm prezenti wkoll ghas-smiegh tal-kawza ta’ Carmen Spiteri r-relatives ta’ l-imputata cioe’ ommha, zewg hutha bniet, xi neputija u t-tifel taghha Darren Spiteri ta’ tmintax-il sena. Dawn ukoll kienu prezenti go l-awla u hekk kif hrigna mill-awla jiena kont in-naha ta wara, quddiemi kien hemm r-relatives ta’ Carmen Spiteri kif ukoll Carmen

Spiteri li kienet qed tigi akkumpanjatha minn WPC 21 Ashley Bugeja li dak il-hin kinet qed izzommha minn idejha. Hin minnhom ezatt kif hrigna mill-bieb ta' l-awla Carmen Spiteri bdiet tghajjat mal-puliizja WPC 21 Ashley Bugeja, niftakar li bdiet tghidilha tmissnix, u Carmen Spiteri ghamlet ghal WPC 21 Ashley Bugeja u bil-kommossjoni taghha li qajmet qam panic shih u konfuzjoni shiha. Hekk kif Carmen Spiteri refghet idejha fuq il-pulizija PC 1348 mar jigri biex jahtaf lil Carmen Spiteri u rnexxielu jaqbadha u jressaqha fil-genb. Jiena dak il-hin ukoll mort nassisti lilu peress li pulizija ragel u hi mara biex inkun prezenti jien ukoll u bdejt nghinu biex lil Carmen Spiteri jwarrabha minn WPC 21 Ashley Bugeja. Dak il-hin kien hemm konfuzjoni, ghajjat, nixtieq nghid li Carmen meta bdiet tghajjat bdiet taghmel xi allegazzjonijiet li din f'xi hin kienet giet ukoll imsawta. Waqt li konna qed inzommu lil Carmen jien ukoll hin minnhom mort biex nara Ashley, il-pulizija jekk hux kienet all right, u Carmen bdiet tghajjat. Dak il-hin pero' irnexxielna safrattant Ashley Bugeja kienet imdawwra bin-nies li kienu prezenti l-qorti, bir-relative ta' Carmen Spiteri u wkoll giet imsawwta minnhom. Irnexxielna, jiea u kien hemm persuna li jahdem il-qorti nohorgu lil Ashley minn dik il-konfuzjoni, minn dik il-gemgha ta' nies, u dak il-hin ukoll jien ergajt mort nassisti lill-pulizija ragel ma Carmen Spiteri sabiex innizluha isfel il-lock up u waqt li konna qed nistennew isfel Carmen Spiteri bdiet taghmel certu allegazzjonijiet kontra WPC 45 Marisa Bartolo, liema surgent tahdem maghna d-Drug Squad, u kienet ukoll involuta fl-investigazzjonijiet li kienu qeghdin jsiru fuq Carmen Spiteri. Din bdiet tallega li s-Surgent Marisa kellha xi hbieb u li kienu mill-Belt u xi darba kienu nstabulhom xi droga, semmiet li kienet xi borza droga u peress li hi kienet habiba taghhom ma kienu ittiehdu l-ebda passi. Barra minn hekk bdiet tghid kliem ta' theddid kontra WPS 45 fis-sens li npattihielek, issa nirrangak, kif ukoll kontra tieghi u kontra PC 1348 Joseph Campbell li dak il-hin kien hemmhekk maghha, fis-sens bdiet tghid li issa jekk taghmlu xi haga lit-tifel tieghi impattihielkom, jew jigu niesi jew inkella jigu nies missieru. Li niftakar li bdiet tghajjat mal-Pulizija Ashley tghidilha biex ma tmissiex imma bhala kliem ezatt x'intqal iktar le ma niftakarx fl-istadju ta' meta beda l-incident.

Nixtieq inzid nghid li wara sussegwentement giet l-ambulanza li hadet lil WPC 21 Ashley Bugeja l-isptar fejn din giet mizmuma ghal certu granet biex isirulha xi testijiet peress li kellha, sofriet xi daqqiet f'darha kif ukoll f'wiccha. Jien ghidt lis-Surgent b'din il-kwistjoni, jigifieri rigward WPS 45 u din qalet li dawn kienu allegazzjonijiet foloz u xtaqet li jittiehdu passi kontra Carmen Spiteri rigward dawn l-allegazzjonijiet fuqha. Rigward l-allegazzjonijiet li Carmen Spiteri ghamlet fuq is-Surgent WPS 45 Marisa Bartolo u dawn qeghdin jigu investigati." (Sottolinjar tal-Qorti).

F' dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghal bran mid-deposizzjoni ta' Dr. Simone Zammit MD li fis-Seduta tal-15 ta' Marzu, 2005 inter alia, qalet: "Qed nigi murija d-dokument Dok MRP 3 li jinsab a fol 25 tal-process. Nikkonferma li dan huwa certifikat mediku rilaxxjat minni. Qeghda naghraf il-firma tieghi fuq dan ic-certifikat mediku u nikkonferma li jiena f' din id-data in kwistjoni u cioe' fit-13 ta' Novembru tas-sena 2004 kont ezaminajt lil Ashley Bugeja gewwa St Luke's Casualty Department. <u>Jiena ukoll ikkonstatajt illi jien ezaminajt lil din il-persuna u nghid illi esternament ma sibt l-ebda sinjali ta' trauma.</u> Nghid li jien minhabba li hi qalet li qalghet id-daqqiet kullimkien ordnajt biex isir Urineanalysis." (Sottolinjar tal-Qorti).

In ri-ezami l-istess xhud fl-istess Seduta qalet: "<u>Nghid illi l-probabbilta' illi dan it-tracci ta' demm fl-urina kienu ikkawzati minn daqqiet nghid il-probabbilta' hija zghira hafna.</u>"

Rigward l-ahhar akkuza li tirrigwarda ir-recidiva u li tinkwadra ruhha fl-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti taghmel referenza ghall-Dok SPM2 li jinsab minn fol. 52 sa fol. 54 tal-Process u ghall-Verbal tas-Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005 fejn hemm is-segwenti: "Dr. Roberto Montalto jiddikjara, b' referenza ghal Dok SPM 2 esebit illum mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur

Ramon Mercieca li qed jezenta lill-Ufficjal Prosekutur milli jtellgha xhud ta' identita rigwardanti dan id-dokument li hu vera kopja fotografika ta' Sentenza tal-Qorti Tal-Appell Kriminali tat-18 ta' Marzu, 2004, fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur A. Caruana) vs Carmen Spiteri u li ghalhekk qed jigi accettat li din is-Sentenza tirrigwarda l-imputata Carmen Spiteri prezenti fl-awla."

Il-Qorti hi tal-fehma li minn ezami tal-provi prodotti l-ewwel akkuza, il-hames akkuza, it-tmien akkuza u l-ghaxar akkuza migjuba kontra l-imputata jirrizultaw sufficjentement ippruvati kif dedotti.

Rigward it-tieni akkuza il-Qorti hi tal-fehma li tali akkuza tirrizulta sodisfacentement ippruvata fejn tirrigwarda lill-Spettur Nadia Lanzon, WPC 21 Ashley Bugeja u PC 1348 Joseph Campbell, pero' ma tirrizultax fejn tirrigwarda WPS 45 Marisa Bartolo.

Rigward it-tielet akkuza li tinkwadra ruhha fl-artikolu 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti hi tal-fehma li tali akkuza ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata. Lanqas ma tirrizulta l-akkuza minuri li tinkwadra ruhha fl-artikolu 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rigward ir-raba' akkuza il-Qorti hi tal-fehma li tali akkuza tirrizulta biss fejn tirrigwarda lill-WPC 21 Ashley Bugeja u ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata fejn tirrigwarda l-Ispettur Nadia Lanzon, PC 1348 Joseph Campbell u WPS 45 Marisa Bartolo.

Rigward is-sitt akkuza migjuba kontra l-imputata, il-Qorti hi tal-fehma li din l-akkuza tirrizulta biss inkwantu li tinkwadra ruhha fl-artikolu 338(bb) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Hawn il-Qorti tirrileva li l-Avukat Generali rigward din is-sitt akkuza ma tahx l-artikolu 342 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fl-Artikoli li baghat bin-Nota tar-Rinviju tieghu datata 2 ta' Frar, 2005 (Ara fol. 82 tal-Process).

Rigward is-seba' akkuza migjuba kontra l-imputata, il-Qorti hi tal-fehma li din l-akkuza tirrizulta biss fejn tirrigwarda lill-WPC 21 Ashley Bugeja, PC 1348 J.

Campbell, WPS 45 Marisa Bartolo, pero’ ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata fejn tirrigwarda l-Ispettur Nadia Lanzon.

Rigward id-disa’ akkuza il-Qorti taghmel referenza ghal dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Ramon Mercieca fil-Verbal tas-Seduta tal-20 ta’ Gunju, 2005 rigward din l-akkuza u riportat aktar qabel f’ din is-Sentenza.

Tosserva li minn ezami tal-atti processwali ma jirrizultax li f’dan il-kaz gew inkorsi spejjez a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan qed jinghad fid-dawl tal-fatt li l-Avukat Generali iccita fost l-artikoli mibghuta minnu bin-Nota ta’ Rinviju tieghu datata 2 ta’ Frar 2005 (Ara fol 82 tal-Process) l-imsemmi artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat l-artikoli 17, 31, 42, 49, 50, 95, 96, 252, 338(bb), 338(dd), 338(ee) u 339(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fid-dawl tas-suespost issib lill-imputata Carmen Spiteri hatja tal-ewwel akkuza, tal-hames akkuza, it-tmien akkuza u l-ghaxar akkuza kif dedotti, kif ukoll issib lill-imsemmija imputata Carmen Spiteri hatja tat-tieni akkuza fejn tirrigwarda biss lill-Spettur Nadia Lanzon, WPC 21 Ashley Bugeja u PC 1348 Joseph Campbell, tar-raba’ akkuza fejn tirrigwarda biss lill-WPC 21 Ashley Bugeja, tas-sitt akkuza inkwantu li tinkwadru ruha fl-artikolu 338(bb) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u tas-seba’ akkuza fejn tirrigwarda biss lill- WPC 21 Ashley Bugeja, PC 1348 Joseph Campbell u WPS 45 Marisa Bartolo u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali aggornata tal-imputata li l-Qorti tqisha bhala wahda xejn felici u tikkundanna lill-imputata Carmen Spiteri ghal piena komplessiva ta’ hdax (11) il-xahar prigunerija u hames mija u tnejn u tmenin Euro u erba’ u tletin centezmi ta’ Euro (Euro. 582.34) multa ekwivalenti ghall-mitejn u hamsin Liri Maltin (Lm 250).

Inoltre inkwantu ghat-tieni akkuza fejn tirrigwarda biss lill-WPS 45 Marisa Bartolo, it-tielet akkuza kif dedotta, ir-

raba' akkuza fejn tirrigwarda biss l-Ispettur Nadia Lanzon, PC 1348 Joseph Campbell u WPS 145 Marisa Bartolo u tas-seba' akkuza fejn tirrigwarda lill-Ispettur Nadia Lanzon, fid-dawl ta' dak dikjarat aktar qabel f' din is-Sentenza tillibera lill-imputata Carmen Spiteri minn dawn l-akkuzi kif specifikat aktar qabel f'din is-Sentenza.

Rigward id-disa' akkuza fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Ramon Mercieca fil-Verbal tas-Seduta tal-20 ta' Gunju, 2005 kif riportat aktar qabel f' din is-Sentenza il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuza li tinkwadra ruhha fl-artikolu 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta moghti mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju tieghu datata 2 ta' Frar, 2005 (Ara fol. 82 tal-Process).

Inoltre il-Qorti stante li minn ezami tal-atti processwali ma jirrizultax li f' dan il-kaz gew inkorsi spejjes a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba maghmula mill-Avukat Generali a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali bin-Nota tar-Rinviju tieghu li tinsab a fol. 82 tal-Process.

Finalment il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta torbot lill-imputata Carmen Spiteri b'obbligazzjoni personali ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erba' u disghin centezmi ta' Euro (Euro. 232.94) ekwivalenti ghall-Mitt Liri Maltin (Lm 100) li zzomm il-kwiet ma' l-Ispettur Nadia Lanzon, WPS 45 Marisa Bartolo, WPC 21 Ashley Bugeja u PC 1348 Joseph Campbell u li zzomm il-bon ordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------